## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008 — Kheinhorst vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-428/03)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni)***

(2008/C 301/55)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Gerhard Keinhorst (Overijse, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel C. Berardis-Kayser u L. Lozano Palacios, wara C. Berardis-Kayser u H. Krämer, aġenti)

### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002 u l-14 ta' April 2003 li bidlu l-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrent, safejn dawn jiffissaw il-klassifikazzjoni tiegħu fil-grad, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad A6, l-ewwel skala, safejn jiffissaw il-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha d-deċiżjonijiet jibdew jipproduċu l-effetti pekunjarji tagħhom u safejn ma jerġgħux jistabbilixxu l-karriera fil-grad tar-rikorrent, u talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-4 ta' Settembru u tal-24 ta' Novembru li ċaħdu l-ilmenti tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-dannu li allegatament jirriżulta minn din id-deċiżjoni.

### Dispożittiv

1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni tbati l-ispejjeż kollha.*

---

([1]) ĠU C 47, 21.2.2004.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008 — Patrick Rousseaux vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**(Kawża T-125/04)** [1]

***("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2008/C 301/56)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Patrick Rousseaux (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avocat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Curral u H. Krämer, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avocat)

### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2003, li bidlet il-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrent, safejn din tiffissa l-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskala, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad A6, it-tieni skala, safejn tiffissa l-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha hija tibda tipproduċi l-effetti pekunjarji tagħha u safejn ma terġax tistabbilixxi l-karriera fil-grad tar-rikorrent kif ukoll talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-dannu allegat derivanti minn din id-deċiżjoni.

### Dispożittiv

1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fir-rigward ta' dan ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż kollha.*

---

([1]) ĠU C 118, 30.4.2004.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008 — Goris vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-126/04)** [1]

***("Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2008/C 301/57)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Willem Goris (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2003, li temenda l-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrenti, safejn din tiffissa l-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskala, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad B 4, it-tieni skala, fejn tiffissa l-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha d-deċiżjoni tibda tipproduċi l-effetti pekunjarji tagħha u li fiha ma terġax tistabbilixxi l-karriera fil-grad tar-rikorrent kif ukoll talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra talba għall-kumpens tad-dannu allegat, li jirriżulta minn din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni tbati l-ispejjeż kollha.*

(1) ĠU C 118, 30.4.2004.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008 — Jacobs vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-131/04)** (1)

***("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2008/C 301/58)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luc Jacobs (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2003 li bidlet il-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrent, safejn din tiffissa l-klassifikazzjoni tiegħu fil-grad, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad B4, it-tieni skala, u li tiffissa l-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha d-deċiżjoni tibda tipproduċi l-effetti pekunjarji tagħha u li ma terġax tistabbilixxi l-karriera fil-grad tar-rikorrent u talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ċaħdet l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat b'din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż kollha.*

(1) ĠU C 118, 30.4.2004.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008 — Tachelet vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-293/04)** (1)

***("Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok għal deċiżjoni")***

(2008/C 301/59)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Guy Tachelet (Rijmenam, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Settembru 2003 rigward bidla fil-klassifikazzjoni ta' grad tar-rikorrent, sa fejn hija tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskala, fid-data tal-ħatra, għall-grad B 4, it-tieni skala, u sa fejn hija ma stabbilixxietx lir-rikorrent mill-ġdid fil-karriera u talba għall-annullament tad-deċiżjoni rigward rifjut tal-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għal kumpens tal-allegat dannu li jirriżulta minn din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

1) *M'għadx hemm lok li tittieħed deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż kollha.*

(1) ĠU C 262, 23.10.2004.